MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

Is-SEBA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 102/7

Il-Ħamis 26 ta' April 2018

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88 Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

John Mary Calleja – Sindku
Romeo Baldacchino – Viċi Sindku
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Stefan Caruana – Kunsillier
George Fenech – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Nil

ASSENTI

Sarah Camilleri – Ambaxxatriċi

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Joseph M Formosa – Uffiċjal

AĠENDA

102.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

102.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (99/7 [22/03/18]; u 101/7 [20/03/18]);

102.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

102.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

102.5 Rapporti;

102.6 Pubblikazzjoni tal-ktieb 'Omm ta' Bosta Wlied 2' – progress;

102.7 Monument tal-Gudja – progress;

102.8 Bye law dwar il-parkeġġ ġewwa l-Gudja – progress;

102.9 Fondi – Miżura 4.3 – Toroq rurali;

102.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

102.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

----------------------------------------------------------

## Minuti

### Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Bi qbil unanimu il-laqgħa bdiet fis-7.00pm.

Is-Sindku s-Sur John Mary Calleja ppresieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-7.00pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**102.1.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

102.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**102.2.0 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (97/7 [22/02/18] u 100/7 [06/03/2018])**

102.2.1 Dawn il-minuti li ġew iċċirkulati għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa, ġew meħuda bħala moqrija b'mod unanimu.

Dawn il-minuti 97/7 u 100/7 ġew approvati nem con.

102.2.2 Punti li tqajmu mill-minuti 97/7

a. Is-Sur Fenech ġibed l-attenzjoni li dwar it-tema 99.3.1 fil-minuti nru 99/7 għandu jingħad illi din it-tema qed tirreferi għal Ġnien Raymond Caruana.

**99.3.0 Komunikazzjoni mis-Sindku**

102.3.1 Triq iż-Żebbuġa (il-parti t'isfel lejn il-knisja). Is-Sindku qal li kien diġà mar fuq il-post mal-Perit Sarsero dwar ix-xogħol meħtieġ u dwar il-possibilità li din il-parti tat-triq issir b'materjal li jixraq l-ambjent li tinsab fiha biswit il-knisja u sala parrokkjali.

Is-Sindku qal li issa li l-Kunsill għandu Perit maħtur għas-servizz tal-Kunsill qed isir tentattiv sabiex din it-triq issir qabel il-Festa ta' Santa Marija.

102.3.2 Toroq oħra fil-qalba tal-Gudja. Is-Sindku qal li mal-Perit Salsero żar diversi toroq oħra fosthom Triq Santa Katarina u l-inħawi sa Triq id-Dejqa. Dan sar bil-għan li jkun hemm kejl tat-toroq bil-ħsieb li jsir xogħol bil-pavè u parti bit-tarmak skont kif ikun possibbli bil-finanzi tal-Kunsill u xi fondi oħra.

Is-Sur Baldacchino qal li peress li l-Gvern ħabbar li se titwaqqaf Aġenzija dwar it-Toroq, il-Kunsill għandu jibgħat ittra sabiex dawn it-toroq isiru minn din l-aġenzija u li jsiru b'materjal kif jixraq l-ambjent.

Il-Kunsill qabel ma' dak li qal il-Viċi Sindku s-Sur Baldacchino.

102.3.3 Programm ta' żvilupp rurali – miżura 4.3 – 2014-2020. Is-Sindku qal li wara fi Frar 2017 il-Kunsill bl-għajnuna tal-MEUSAC kien għamel applikazzjoni għal fondi dwar investiment f'toroq rurali fil-Gudja, liema toroq huma Tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u toroq oħra rurali fil-limiti ta' Loreto, b'ittra tal-05 ta' April 2018, il-Kunsill ġie infurmat li l-applikazzjoni tal-Kunsill kienet ġie milqugħa u li l-Kunsill ġie mwiegħed fondi ta' €707969.69 liema somma hija 90% tal-istima totali tal-proġett.

Il-Kunsill jagħmel 10% ta' kofinanzjament iżda minn din is-somma l-Kunsill ikun jista' japplika sabiex jikseb 90% minn fondi oħra tal-Gvern Ċentrali.

102.3.4 Parking muturi. Is-Sindku qal li kienet saret talba sabiex isiru parking bays tal-muturi fi Triq R. Caruana u għalhekk il-Kunsill qabel li jitlob lit-TM sabiex japprovaw dawn il-marki skont proċedura u *policy* stabbilita.

102.3.5 Lampa fi Triq Mons. P. Mallia, il-Gudja. Is-Sindku qal li saret talba għal din il-lampa fil-parti l-ġdida ta' din it-triq. Il-Kunsill qabel li jipproċedi skont il-proċeduri stabbiliti.

102.3.6 Tifkira lill-Gudja United FC. Il-Kunsill qabel li tinxtara u tingħata tifkira tar-rebħa tagħhom (mis-second għal first division). Il-Kunsill wera x-xewqa li din ir-rebħa tħajjar aktar persuni li jieħdu sehem f'attivitajiet sportivi.

102.3.7 Tifkira lill-Arċipriet il-ġdid. Il-Kunsill qabel li tinxtara u tingħata tifkira lil Fr. Norman Zammit nhar il-pussess tiegħu bħala Arċipriet tal-Gudja. Il-Kunsill awgura li jkun hemm ħidma mal-Arċipriet Zammit b'risq il-komunità kollha tal-Gudja.

Is-Sur Baldacchino ġibed l-attenzjoni li għandu jkun hemm kuntatt mal-organizzaturi sabiex jiġu infurmati li l-Kunsill sejjer jagħti din it-tifkira.

Il-Kunsill qabel ukoll li din it-tifkira tiġi ppreżentata mill-Viċi Sindku s-Sur Baldacchino f'isem il-Kunsill peress li s-Sindku mhux se jkun jista' jattendi minħabba impenji oħra familjari.

102.3.8 Knis madwar il-Gudja. Is-Sindku qal li dan ix-xogħol sejjer isir mill-kuntrattur SRF Cleaning Service (Steve Farrugia) mill-01 ta' Mejju 2018 fuq bażi ta' xahar b'xahar sakemm toħroġ tender u dan wara li l-Kunsill għażel u aċċetta l-kwotazzjoni għas-somma ta' €1430 (vat eskluż) kif tidher fil-kwotazzjoni annessa ma' dawn il-minuti mmarkata Dok A.

102.3.9 Financial Statements 2017. Il-Kunsill approva r-rapport finali tal-financial statements tal-Kunsill għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2017.

**102.4.0 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

102.4.1 Il-mistoqsijiet ġew imwieġba taħt is-sezzjoni 'Rapporti' u f'partijiet oħra f'dawn l-istess minuti.

**102.5.0 Rapporti**

102.5.1 Romeo Baldacchino (Viċi Sindku)

a. Triq De Warsbergh kantuniera ma' Triq Ħal Resqun. Is-Sur Baldacchino stqarr li qed tinqala' problema ta' mmaniġġjar tat-traffiku meta jkun hemm vetturi pparkjati f'din il-parti tat-triq. Il-kunsill qabel li jsiru linji doppji sofor f'din il-parti tat-triq.

b. Storbju u vandaliżmu fi Ġnien R. Caruana (inkluż il-latrini) u Ġnien Ġlormu Cassar. Is-Sur Baldacchino qal li għandu jkun hemm laqgħat mal-Pulizija dwar aktar sorveljanza fil-ġonna peress li jidher li dan il-vandaliżmu qed ikun frekwenti u qed jikber. Il-Kunsill qabel li jitlob l-assistenza tal-Pulizija f'dan ir-rigward.

c. Xogħol ta' riġenerazzjoni fi Ġnien R. Caruana. Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill qed isegwi dwar il-ħruġ tal-permessi sabiex dan ix-xogħol isir mill-Gvern Ċentrali kif imwiegħed u miftiehem sa xhur ilu. Is-Sur Baldacchino qal li fil-fratemp għandu jsir xogħol ta' manutenzjoni speċjalment fuq il-bankina.

   Is-Sindku wieġeb li dwar xogħol ta' manutenzjoni dan huwa ppjanat li jsir fil-ġimgħat li ġejjin.

d. CCTVs kameras biswit il-kontenituri tas-separazzjoni tal-iskart. Is-Sur Baldacchino qal li l-GreenPak għandhom jiġu mitluba sabiex ipoġġu dawn il-kameras peress li qed ikun hemm abbuż u li dawn il-kontenituri qed ikunu l-bażi ta' miżbliet żgħar.

   Il-Kunsill qabel li għandha ssir kull pressjoni possibbli sabiex isiru dawn il-kameras mill-GreenPak u li tintalab l-għajnuna tal-Green wardens f'diversi ħinijiet sabiex minn jabbuża jinqabad u jeħel il-pieni kontemplati fil-liġi.

e. Xogħol ta’ knis. Is-Sur Baldacchino qal li fil-ftehim mal-kuntrattur tal-knis għandu jkun hemm speċifikat skeda ta’ frekwenza meta jinkinsu t-toroq kif ukoll servizzi addizzjonali fil-ġranet tal-festi u xi okkażjonijiet oħra speċjali li jkun jeħtieġ knis speċjalment fil-qalba tar-raħal.

Is-Sur Baldacchino qal li għandu tingibed l-attenzjoni li l-bins (inkluż dawk tal-klieb) jitnaddfu regolarment mill-kuntrattur tal-knis.

Il-Sur Baldacchino qal li l-qtugħ tal-ħaxix madwar il-bankini għandu jiġi inkluż fil-kuntratt u li jsir f żmien qasir.

Il-Kunsill qabel ma’ dak li qal is-Sur Baldacchino.

f. Xiri ta’ bins għall-pjazza. Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill qed ifittex li jixtri bins li jixirqu l-pjazza. Is-Sur Baldacchino qal li sejjer jinforma lill-Kunsill dwar dan fil-laqgħat li jmiss tal-Kunsill.

g. Rural Development – programme 2014-2020 – miżura 4.3 – investiment fit-toroq rurali fil-Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li xtaq jifraħ lill-Kunsill kollu kif ukoll lis-Sur JM Formosa li huwa wkoll magħżul bħala l-Project Leader għal ħidma li saret li sa fl-aħħar l-Kunsill kiseb suċċess għal dawn il-fondi.

Is-Sur Baldacchino qal li għalkemm japprezza li dan il-proġett jirrekjedi ħafna xogħol mill-amministrazzjoni tal-Kunsill, dan l-investiment sejjer ikun ta’ fejda kemm għal bdiewa kif ukoll jgħin lil dawk li jixtiequ jagħmlu mixjiet fil-kampanja madwar il-Gudja.

102.5.2 Mark Anthony Sammut (Kunsillier)

a. Tindif ħdejn ta’ Loretu. Is-Sur Sammut qal li possibbilment ikun hemm bins qrib il-Kappella ta’ Loretu u jitpoġġew sinjali sabiex tinżamm l-indafa. Tabella għandha taqra “Jekk jogħġbok żomm il-post nadif”. Il-Kunsill qabel li jara kif jista’ jagħmel sabiex dawn l-inħawi li jiġbdu n-nies jinżammu nodfa.

b. Attività sportiva fil-Gudja United FC. Is-Sur Sammut qal li għall-ewwel attività kien hemm attendenza żgħira iżda possibbilment għal quddiem ikun hemm aktar pubbliċità u dan iġib attendenza akbar.

Il-ħsieb huwa li din l-attività ikun fit-tieni Ħadd ta’ kull xahar sabiex tiġi nkuraġġuta l-attività sportiva speċjalment qalb it-tfal u ż-żgħażagħ.

102.5.3 Stefan Caruana (Kunsillier)

a. Immaniġġjar tat-traffiku fi Triq Bir Miftuħ. Is-Sur Caruana qal li huwa jaqbel kompletament li jkun hemm eżerċizzju dwar l-immaniġġjar tat-traffiku sabiex din it-triq tkun aktar sigura speċjalment minħabba t-traffiku li jgħaddi minn hemm u xi sewqan li jkun eżaġerat u perikoluż.

b. Festa korijiet. Is-Sur Caruana qal li dan il-kor mill-Litwanja sejjer jagħmel din l-attività fil-Knisja Parrokkjali nhar il-Ġimgħa 04 ta' Mejju 2018 fis-6.30pm. Is-Sur Caruana filwaqt li rringrazzja lill-Kunsill talli qabel li jħallas it-trasport għal mużiċisti, stieden lill-Kunsilliera kollha sabiex jattendu għaliex din hija attività li wieħed m'għandux jitlef.

c. Tindif zuntier. Is-Sur Caruana qal li possibbilment il-Kunsill jagħmel tindif taz-zuntier speċjalment għal okkażjoni tal-pussess tal-Arċipriet il-ġdid Fr. Norman Zammit.

d. Dustbins fil-pjazza. Is-Sur Caruana qal li huwa jaqbel kompletament li fil-pjazza ikun hemm 2 dustbins li jixirqu l-ambjent.

e. Policy tal-Kunsill. Is-Sur Caruana qal li huwa xieraq li l-Kunsill ikollu policy magħrufa dwar diversi affarijiet li jirrigwardaw il-Kunsill u l-pubbliku, fosthom talbiet għal sinjali tat-traffiku, permessi u talbiet oħra.

Il-Kunsill jaqbel li jagħmel stħarriġ sabiex jikseb tagħrif dwar regolamenti li jista' jaddotta l-Kunsill bħala policy u manwal ta' 'good practice'.

102.2.4 George Fenech (Kunsillier)

a. Manutenzjoni fuq mera u sleeping policeman. Is-Sur Fenech qal li xtaq jirringrazzja lill-Kunsill talli ttieħdu passi u twaħħlet l-mera u ttranġat is-sleeping policeman fi Triq San Ċiru kantuniera ma' Triq Bettina.

b. Knis tat-toroq. Is-Sur Fenech qal li l-kuntratt tal-knis għandu jidħol fis-seħħ f'mod urġenti sabiex ikun hemm aktar indafa fit-toroq tal-Gudja.

c. Pelican lights fuq iż-zebra crossing fit-tarf ta' Triq Bir Miftuħ. Is-Sur Fenech qal li l-Kunsill għandu jagħmel aktar pressjoni sabiex isiru dawn il-lights li huma tant meħtieġa għal dawk li jiffrekwentaw l-inħawi.

d. Dawl fuq l-istatwi tal-pjazza. Is-Sur Fenech staqsa f'hiex waslet il-problema ta' dawl fuq l-istatwi tal-pjazza. Is-Sur Fenech ġie infurmat li l-kuntrattur Nexos kien għadu ma rċeviex il-lampa li kellha tiġi minn barra u li din hija maħsuba li titpoġġa quddiem Santa Marija u wara wieħed ikun jista' jara dwar l-aħjar mod kif ikunu jistgħu jiddawlu dawn l-istatwi.

e. Bins madwar iz-zuntier tal-Knisja. Is-Sur Fenech qal li dawn il-bins huma ta' ħtieġa kbira sabiex tinżamm aktar indafa f'dawn l-inħawi. Is-Sur Fenech qal li jaqbel kompletament dwar dak li qal is-Sur Baldacchino dwar din il-materja.

f. Diskussjonijiet mal-Pulizija dwar installar ta' CCTVs kameras f'postijiet strateġiċi fil-Gudja. Is-Sur Fenech stqarr li dawn id-diskussjonijiet issa ilhom għal żmien mhux ħażin u għalhekk il-Kunsill għandu jagħmel aktar kuntatti sabiex jinkiseb il-progress meħtieġ. Is-Sindku wieġeb li qed ikun hemm

kuntatti frekwenti u li sejjer ikompli b'dan il-kuntatt sakemm il-Kunsill jikseb dak meħtieġ.

g. Pavimentar fi Triq iż-Żebbuġa, il-Gudja. Is-Sur Fenech qal li dan il-proġett għandu jiġi mwettaq kif meħtieġ kemm jista' jkun malajr.

h. Immnaiġġjar tat-traffiku fi Triq il-Kbira. Is-Sur Fenech stqarr li l-Kunsill għandu jibqa' jinsisti li tinsab soluzzjoni dwar din il-qagħda tat-traffiku f'dawn l-inħawi. Is-Sur Fenech ġie infurmat li qed ikun hemm kuntatt mat-TM b'mod kontinwu sabiex tinkiseb soluzzjoni u jitneħħa r-riskju.

i. Tkomplija tat-triq – Vjal it-Torri. Is-Sur Fenech staqsa f'hiex waslu d-diskussjonijiet għat-tkomplija ta' Vjal it-Torri. Is-Sur Fenech ġie infurmat li l-Kunsill kompla bit-talba tiegħu lit-TM sabiex dan il-proġett li huwa tant ta' ħtieġa għall-Gudja jiġi inkluż fil-programm ta' toroq kif imxandra mill-Gvern Ċentrali.

   Huwa l-għan tal-Kunsill li jkompli jagħmel pressjoni sabiex dan il-proġett li kien inbeda aktar minn 35 sena ilu jitkompla sabiex tiġi mħarsa l-qalba tal-Gudja.

j. Bini ta' ċentru ċiviku li jospita fih l-uffiċini tal-Kunsill. Is-Sur Fenech staqsa f'hiex wasslu dawn id-diskussjonijiet.

   Is-Sur Fenech ġie infurmat illi l-Kunsill għadu jaħdem dwar il-possibilità ta' devoluzzjoni ta' biċċa art fil-bidu ta' Vjal it-Torri. Is-Sindku qal li issa li l-Kunsill għandu s-servizz ta' Perit, il-Kunsill ikun jista' jagħmel applikazzjoni dwar id-devoluzzjoni għal din l-art fuq formola preskritta.

k. Fondi dwar ir-rural development programme 2014-2020 – miżura 4.3. Is-Sur Fenech stqarr li feraħ lill-Kunsill li għall-ewwel darba li l-Kunsill kellu suċċess dwar dawn il-fondi. Is-Sur Fenech qal li kien sejjer jagħti s-sapport tiegħu lill-Kunsill u lil Project Leader u lill-amministrazzjoni sabiex dan il-proġett ikun ta' suċċess kif meħtieġ.

l. Sleeping policeman fi Triq Bir Miftuħ. Is-Sur Fenech staqsa għaliex tneħħew is-sleeping policeman minn Triq Bir Miftuħ meta kien huwa stess li wera tħassib dwar dan.

   F'dan ir-rigward il-Kunsill qabel li tintbagħat ittra lit-TM sabiex jiġi approvat dak meħtieġ sabiex ikun hemm aktar sigurtà tat-traffiku ġewwa din it-triq.

m. Is-sitwazzjoni tal-konfini tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta (MIA) u r-raħal tal-Gudja. Is-Sur Fenech talab sabiex tissejjaħ laqgħa mal-Kummissarju elettorali biex tiġi diskussa s-sitwazzjoni tal-MIA u l-Gudja fir-rigward ta' ġurisdizzjoni.

n. Master plan għall-proġetti li jiġu maħsuba sabiex jitwettqu. Is-Sur Fenech talab sabiex il-Kunsill jikkonsidera jagħmel master plan. Is-Sur Fenech stqarr li dan il-master plan ikun jinkorpora linji gwida li l-Kunsill jkun jista' jimxi fuqhom rigward deċiżjonijiet biex ikun hemm tip ta' konformità.

Il-Kunsill ġie infurmat li l-master plan joħroġ mill-PA u l-ERA u għalkemm il-Kunsill jagħti każ dwar permessi ta' bini u żvilupp, id-deċiżjoni aħħarija hija dik tal-PA u l-ERA.

**102.6.0 Pubblikazzjoni tal-ktieb 'Omm ta' Bosta Wlied 2'**

102.6.1 Is-Sur Fenech qal li x-xogħol miexi sewwa u li dan il-ktieb sejjer ikun lest għal Jum il-Gudja 2018. Is-Sur Fenech qal li xtaq jirringrazzja lis-Sur Caruana għal koperazzjoni tiegħu li tiġi organizzata attività kulturali fit-tnedija tal-ktieb.

**102.7.0 Monument tal-Gudja – progress**

102.7.1 Is-Sur Fenech qal li l-Bord tal-Għażla magħmul minn membri professjonali u kompetenti, is-Sur Mario Coleiro, il-Perit Carm Ellul, is-Sur Mario Gatt u s-Sur Fabio Scicluna sejrin jiltaqgħu fit-08 u fl-10 ta' Mejju 2018. Wara ssir komunikat lill-Kunsilliera kollha.

Din il-materja sejra tiġi diskussa aktar fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

**102.8.0 *Bye-law* dwar il-parkeġġ ġewwa l-Gudja**

102.8.1 Il-Kunsill ġie infurmat li qed jiġu ppreparati l-avviżi għal medja skont il-proċeduri stabbiliti.

**102.9.0 Fondi – Miżura 4.3 – Toroq rurali**

102.9.1 Din il-materja diġà ġiet trattata aktar 'il fuq f'dawn il-minuti u sejra tiġi wkoll konsidrata fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

**102.10.0 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

102.10.1 Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti nru 55/7 hekk kif ippreżentata u pproponuta mis-Sindku JM Calleja u ssekondata mill-Kunsillier G. Fenech għall-ammont totali ta' €16957.47. Din l-iskeda ta' pagamenti ġiet ukoll iffirmata mill-Kunsilliera kollha preżenti.

**102.11.0 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

102.11.1 Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ – Gudja. Ftuħ uffiċjali ta' Ġnien iż-Żgħażagħ nhar is-Sibt 26 ta' Mejju 2018 fl-4.30pm. Il-Kunsill ġie infurmat dwar dan l-invit.

Is-Sindku qal li filwaqt li jifraħ lill-Kunsill għall-ħidma tagħhom huwa xtaq ukoll li jkun infurmat aktar dwar dak li sejjer iseħħ waqt din l-attività.

Il-Kunsill ġie infurmat li sejjer ikun hemm aktar kuntatti speċjalment ma' Sa. Camilleri u l-Aġenzija Żgħażagħ sabiex jinkiseb it-tagħrif meħtieġ.

102.11.2 Xiri ta' cold asfalt. Il-Kunsill approva x-xiri ta' 60 xkora tarmak sabiex isiru diversi tiswijiet fit-toroq tal-Gudja kif ikun meħtieġ.

102.11.3 Parking bays fi Triq San Ċiro, il-Gudja. Il-Kunsill qabel li jkun hemm linji bojod definiti sabiex isir parkeġġ aħjar.

102.11.4 Talba għal ħlas ta' €140.00 għal senter Trofew. Peress li l-invoice hija datata 18 ta' Lulju 2012 u l-Kunsill ma kellux konjizzjoni kompleta dwar din it-talba u peress li l-proċeduri finanzjarji ma jippermettux li jsir il-ħlas mitlub, il-Kunsill qabel li ma jistax jaċċetta li jsir il-ħlas mitlub.

102.11.5 Expense claim – M. Gravina. Il-Kunsill approva lis-Sur Gravina jingħata rimbors ta' €189.48 dwar infiq li għamel fir-restawr tal-Knisja tal-Lunzjata peress illi l-Kunsill iħoss li din hija parti mill-wirt kulturali tal-Gudja u għamel dan b'sens ta' apprezzament għax-xogħol li sar dwar ir-restawrar tal-istess Knisja.

102.11.6 Peress li t-temi kollha fuq l-aġenda ġew eżawriti, is-Sindku għalaq il-laqgħa fid-8.58pm. Is-Sindku aġġorna l-laqgħa għal-Erbgħa 23 ta' Mejju 2018 fis-6.00pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum ________________________

John Mary Calleja
Sindku

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv